TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviv Numru CCT 28/12/GZ

**Maria Dolores Mamo**

**vs**

**Omajco Cleaners Ltd**

Illum 29 ta' Ottubru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-1 ta' Frar, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mitejn hamsa u ghoxrin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€225.83), rapprezentanti il-prezz originali ta' tliet (3) twapet, liema twapet, meta ntbaghtu ghad-'dry cleaning' ghand is-socjeta' ntimata, gew lura danneggati.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet baghtet it-twapet tas-sodda u tal-kamra tas-salott ghand is-socjeta' ntimata u meta l-istess socjeta' ntimata kienet hadithom lura ghand ir-rikorrenti, hija kienet innotat illi z-zewg twapet tal-kamra tas-sodda kienu imtebbghin u mqattghin, filwaqt li t-tapit il-kbir kien intilef min-naha tas-socjeta' ntimata.

Ir-rikorrenti kienet tat cans lis-socjeta' ntimata sabiex issib dan it-tapit li kien intilef da parti taghha, pero' kien ghal xejn ghaliex dan it-tapit baqa' ma nstabx.

Ir-rikorrenti kienet baghtet lura iz-zewg twapet l-ohra sabiex jergghu jinhaslu, pero' dawna baqghu l-istess, hlief illi s-socjeta' ntimata sewwiet wiehed minn dawn it-twapet fejn kien tqatta'.

Meta r-rikorrenti staqsiet lis-socjeta' ntimata kif kienu ser jibqghu fuq it-tapit li kien intilef. is-socjeta' ntimata kienet baghtet lir-rikorrenti tixtri wiehed gdid minghand hanut specifiku. Ir-rikorrenti ghamlet hekk, pero' meta ghazlet tapit gdid, tal-hanut kien qalilha biex ma tiehdux ghaliex is-socjeta' ntimata riedet tikkonsenjah ghandha. Meta r-rikorrenti kienet cemplet lis-socjeta' ntimata biex tistaqsiha meta kienet ser tikkonsenjah, is-socjeta' ntimata kienet qaltilha l-ghada, pero' li hija kellha thallasha ghas-servizz li hija kienet taghtha. Ir-rikorrenti kienet qalet lis-socjeta' ntimata illi hija ma kenitx taghtha servizz tajjeb u li kien ghalhekk illi ma reditx thallasha.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija taqbel li t-twapet li dwarhom inholoq il-kunflitt kienu ngabru fl-4 ta' Gunju 2011.

Illi dawn it-twapet inhaslu mis-socjeta' ntimata fil-21 ta' Lulju 2011 u gew mibghuta lura lir-rikorrenti wara li sar it-tindif necessarju. Dan sar ghall-ahhar ta' Lulju 2011.

Illi meta r-rikorrenti kienet ezaminat it-twapet li ntbaghtu lura wara li nhaslu, hija kienet sabet li wiehed mit-twapet ma kienx taghha, u ghaldaqstant intbaghat lura lis-socjeta' ntimata.

Wara tfittxija serja mis-socjeta' ntimata fl-imhazen taghha, irrizulta li t-tapit tar-rikorrenti ma nstabx u ghaldaqstant, ir-rikorrenti giet mgharrfa b'din is-sitwazzjoni, fejn sar arrangament verbali bejn il-partijiet sabiex ir-rikorrenti tmur taghzel tapit ghax-xewqa taghha minghand fornitur specifiku ta' twapet, u dana sabiex is-socjeta' ntimata tirrimpjazza t-tapit mitluf, filwaqt li s-socjeta' ntimata accettat li tkopri l-hlas ta' dan it-tapit hija stess.

Ir-rikorrenti ghamlet dan u nformat lis-socjeta' ntimata dwar liema tapit hija kienet ghazlet, u ghal dan, is-socjeta' ntimata accettat li tigbor it-tapit hija stess minghand il-fornitur, u tibghatilha dan l-istess tapit hija stess. Hawnhekk, is-socjeta' ntimata nformat lir-rikorrenti illi ghalkemm hija kienet lesta li taccetta li thallas tat-tapit maghzul, hija ppretendiet illi tithallas ghas-servizz li kienet tat fir-rigward tat-twapet l-ohra tar-rikorrenti, u cioe' is-somma ta' sebgha u tletin ewro (€37.00), liema hlas kien ikopri l-hasil tat-twapet kollha in kwistjoni, u mhux biss tat-tapit nieqes. Ir-rikorrenti pero' nformat lis-socjeta' ntimata illi hija ma kenitx ser thallas ghal dan is-servizz.

Ghandu jigi nnotat illi r-rikorrenti kienet qajmet il-kwistjoni ta' xoghol hazin li nghata ghat-twapet kollha taghha biss wara li s-socjeta' ntimata kienet staqsietha sabiex tithallas ghal tali servizz. Ghandu jinghad ukoll illi t-tapit mitluf instab mis-socjeta' ntimata waqt tfittxija intensiva li regghat saret f'April 2012, liema tapit gie rritornat u accettat mir-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, u ziedet tghid illi qieghda temenda t-talba originali taghha fis-sens illi issa li nstab it-tapit li kien intilef mis-socjeta' ntimata ghandu jitnaqqas l-ammont ta' tmienja u sebghin Ewro (€78.00) mill-ammont originali mitlub minnha ta' mitejn hamsa u ghoxrin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€225.83).

Ir-rikorrenti ezebiet dokumentazzjoni li gie mmarkat bhala Dok.MDM1 sa Dok.MDM5.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li nnota illi ma ngabet l-ebda prova da parte tar-rikorrenti rigwardanti l-allegat tebghat fuq it-twapet in kwistjoni, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**